MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 174/2005

**Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali**
**vs**
**The Wild Goose Company Limited, Michael Gialanze u martu Gillian Gialanze**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fis-17 ta’ Frar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ippremetta:

Illi permezz ta' mandat ta' qbid numru 1750/2001/CX mahrug fuq talba tas-socjeta Strand Marine Limited il-Qorti ordnat illi tigi maqbuda l-lanca tal-marka CARVER VOYAGER 530 Pilothouse Model Year 2000 Hull no. CDRK 2229E000 bl-isem "GIGI" registrata Valletta, numru ufficjali 7001, b'zewg magni tal-marka Twin Volvo Penta TAMD 74HP EDC 480 HP enumerati rispettivament 201129620 u 2071129617, li hija pleasure boat u tintuza ghall-finijiet ta' godiment u svag - kopja awtentika ta' dan il-mandat ta' qbid qed tigi annessa u markata bhala dokument ittra "A";

Illi dan il-mandat ta' qbid gie debitament ezegwit u skond kif jirrizulta mir-riferta ta' l-ufficjal tal-Qorti kopja awtentika taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra "B", il-konvenuti producew bhala konsenjatarju IiI certu Joseph Farrugia;

Illi meta giet maqbuda din il-Ianca kienet giet irmiggjata f'Manoel Island izda meta gie nominat il-konsenjatarju din giet mehuda Portomaso;

Illi nhar id-29 ta' Lulju 2001 u fi granet precedenti Michael Gialanze u Gillian Gialanze uzaw din il-Ianca u dan kontra l-ordni tal-Qorti Ii harget il-mandat ta' qbid hawn fuq riferit liema uzu huwa Ieziv ta' l-artikolu 298 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi nhar il-10 t'Awissu 2001 is-socjeta Strand Marine Limited prezentat rikors li permezz tieghu, minhabba l-fatti hawn fuq imsemmija talbet lil din l-Onorabbli Qorti li jittiehdu proceduri ta'
disprezz lejn I-Awtorita ta' din l-istess Qorti kontra tal-konvenuti; kopja awtentika ta' dan ir-rikors qed tigi hawn annessa u markata bhala dokument ittra "C";

Illi in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Awissu 2004 din l-Onorabbli Qorti osservat illi hemm "prima facie" lok li jigi istitwiti l-proceduri odjerni kontra l-istess konvenuti; kopja awtentika ta' dan id-digriet qed jigi anness u markat bhala dokument ittra "D";

Talab ghaldaqstant li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe ordni u provvediment li din l-istess Qorti jidhrilha xierqa li timponi fic-cirkostanzi tal-kaz :

1. Tiddikjara Ii l-agir tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita taghha ai termini ta' l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12;
2. Konsegwentement issib lill-konvenuti jew min minnhom hatja ta' disprezz lejn l-awtorita taghha ai termini ta' l-istess artikolu;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom ghall-pieni kontemplati mill-istess artikolu 997 tal-Kapitolu 12;

Bl-isejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ilkoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi:

a) l-eccipjenti ma wettqu ebda disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u
b) l-artikoli citati mill-attur u li fuqhom qieghda tigi bbazata din il-kawza jirreferu ghall-obbligi tal-kunsinnatarju u ghalhekk ma japplikax ghall-eccipjenti stante illi l-ebda wahda minnhom logikament ma setghet kienet il-kunsinnatarju.
2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet;

Rt illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Pierre Trevers u qal illi huwa wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' Strand Marine Company Limited u illi s-socjeta' illi huwa jirrapprezenta tippretendi li ghandha tiehu xi flus minghand is-socjeta' Wild Goose Company Limited u minghand il-konvenuti konjugi Gialanze, u

ghalhekk fis-sena 2001 kien sar mandat ta qbid kawtelatorju kontra din is-socjeta u kien gie mahtur konsenjatarju illi kien qabad il-boat tal-konvenuti illi inghatat f'idejn il-konsenjatarju Joseph Farrugia li kien gie imqabbad mill-istess konvenuti. Pierre Travers kompla jixhed illi l-boat kienet maqbuda fil-yacht yard ta' Manoel Island u ittiehdet Portomaso biex tinzamm hemm hekk, izda skond ix-xhud nonostante li l-boat kienet maqbuda baqghet tintuza xorta wahda mill-konvenuti. Ix-xhud ikkonferma li wara certu zmien il-konvenuti iddepozitaw xi flus il-Qorti sabiex setghu irtiraw il-boat u dan kien wara xi sajf, izda matul is-sajf tas-sena 2001 wara li inhareg il-mandat ta' qbid il-konjugi Gialanze baqghu juzaw il-boat. Huwa xehed illi hu stess ra l-boat f'diversi postijiet madwar Malta u fosthom Kemmuna u peress illi bhal din il-boat hemm wahda biss tintaghraf facilment.

Illi xehed il-konsenjatarju Joseph Farrugia illi ikkonferma illi kien gie mahtur konsenjatarju tal-lanca Carver Voyager bl-isem ta' Gigi. Huwa xehed illi l-Marixall kien qallu illi hu kien responsabbli ghal din l-lanca meta ghaddielu l-pussess taghha. Is-Sur Farrugia xehed illi l-Marixall tal-Qorti kien qallu illi l-konvenuti setghu juzaw il-boat bil-permess tieghu u qal illi kemm il-proprjetarju, kif ukoll l-inginier tieghu kienu uzaw il-boat wara li inhareg il-mandat ta' qbid sabiex jiccekkjawha peress illi kien sarilha xi xoghol ta' maintenance, liema xoghol ta' maintenance kien sar qabel ma hareg il-mandat ta' qbid. Il-konsenjatarju xehed illi il-boat in kwistjoni tiswa xi hames mitt elf dollaru american. Ix-xhud kompla jghid illi waqt illi kien konsenjatarju ta' din il-boat il-boat inzammet fi stat tajjeb. Ix-xhud in kontro-ezami qal illi huwa ma kienx jaf x'kienu l-obbligi tieghu bhala konsenjatarju u skond hu kien il-Marixall tal-Qorti illi qallu x'kienu l-obbligi tieghu bhala konsennatarju.

Illi xehed Michael Gialanze u qal illi meta inqabdet il-boat kien hu stess illi kien appunta konsennatarju. Huwa xehed illi fil-prezenza tieghu il-Marixall kien qal is-Sur Farrugia, il-konsennatarju, illi huwa kien responsabbli ghal boat. Is-Sur Gialanze xehed illi huwa kien staqsa jekk setghax juza l-boat u l-Marixall kien qallu li setgha

juzaha pero' ried jinforma qabel lill-konsenjatarju u skond hu il-Marixall tal-Qorti kien certu Xuereb. Huwa spjega illi qabel ma hareg il-Mandat ta' Qbid fuq din il-boat, il-boat kienet qeghda Manoel Island ghat-tiswija peress illi kellha xi hsarat. Ix-xhud kompla jghid illi il-mara tieghu kienet xtrat il-boat in kwistjoni minghand is-socjeta' Strand Marine u ta' l-Istrand Marine kienu interpellawhom sabiex ihallsuhom ghal dina l-boat, izda mart is-Sur Gialanze kienet qaltilhom li kienet disposta thallas, izda wara illi tivverifika jekk ix-xogholijiet ta' riparazzjoni fuq il-boat kienux saru sew jew le. Huwa kompla jixhed illi wara li gie nominat is-Sur Farrugia bhala konsennatarju uzaw il-boat darba, jew darbtejn sabiex jaraw jekk kienitx qeghda tahdem sew u sussegwentement kien gab ukoll l-inginier sabiex jara xi hsarat kien hemm u l-inginier kien ukoll hareg bil-boat. Is-Sur Gialanze kompla jixhed illi meta gie infurmat illi huwa ma setghax juza l-boat huwa ghamel garanzija bankarja u hareg kontro-mandat u xehed illi ghamel dan wara illi kien ha parir legali.

Illi x-xhud ammetta illi kien hemm okkazzjoni wkoll fejn uza il-boat fil-weekend sabiex mar Kemmuna mal-mara tieghu.

Illi xehdet ukoll Gillian Gialanze, direttrici tas-socjeta' The Wild Goose Company Limited, liema socjeta' hija sid tal-boat in kwisjtoni. Hija xehdet illi l-Marixall kien mar Manoel Island bil-mandat ta' qbid in kwistjoni u kienu cemplu lilha minn Manoel Island. Hija kompliet tixhed illi marret hemm hekk mar-ragel taghha u l-marixall kien ghadu hemm hekk. Gillian Gialanze xehdet illi l-marixall beda jiddiskuti mar-ragel taghha bil-Malti u peress illi hija ma kienitx Maltija ma setghetx tifhem x'kien qieghed jinghad, izda kien spjegalha ir-ragel taghha. Hija xehdet ukoll illi dakinhar kienu qalu lilha u lil zewgha illi ma setghux juzaw il-boat minghajr il-permess tal-konsennatarju. Ix-xhud kompliet tghid illi qabel ma inhareg il-mandat ta' qbid kien cemplilha Pierre Travers u talabha thallsu, izda hi kienet qaltlu li l-ewwel riedet tara jekk ix-xogholijiet illi saru Manoel Island kienux saru sew u biex taghmel hekk kellha tipprova l-boat. Sussegwentement mill-ewwel inhareg il-mandat ta' qbid.

Ix-xhud kompliet tispjega illi l-boat kienu xtrawha gdida, izda madanakollu kienu inqalghu il-problemi u xehdet illi hi u zewgha kienu marru bil-boat Kemmuna sabiex jippruvawha, biex jaraw jekk ix-xogholijiet kienux saru sew. Hija xehdet illi appena saret taf li ma setghux juzaw il-boat huma ghamlu garanzija bankarja u inhareg kontro-mandat. Gillian Gialanze xehdet illi kien il-marixall illi spjegalha illi setghet tuza il-boat bil-permess tal-konsenjatarju u huwa spjegalha dan kollu bl-Ingliz.

Ikkunsidrat :

Illi gie ippruvat illi il-konvenuti konjugi Gianlanze ipprezentaw rikors flimkien ma garanzija bankarja fit-3 ta’ Settembru 2001 u illi il-kontro-mandat hareg fl-4 ta’ Settembru 2001.

Illi l-mandat ta’ qbid in kwistjoni hareg fit-8 ta’ Gunju 2001.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-konvenuti konjugi Gianlanze kienu qed juzaw il-boat fid-29 ta’ Lulju 2001 u dakinhar intqal lilhom illi ma setghux juzawha u irrizulta mid-dokumenti li gew esebiti illi l-konjugi Gialanze ipprezentaw rikors il-Qorti fit-3 ta’ Awissu 2001 sabiex tigi ipprovduta garanzija bankarja u eventwalment inhareg kontro-mandat.

Ikkunsidrat :

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-artikoli citati mill-attur u li fuqhom qeghda tigi bbazata il-kawza jirreferu ghall-obbligi tal-kunsinnatarju u ghalhekk ma japplikax ghall-konvenuti stante illi l-ebda wahda minnhom logikament ma setghet kienet il-kunsinnatarju.

Illi l-artikolu illi ghalih qeghdin jirreferu l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom huwa l-artikolu 298 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi dan l-artikolu jghid hekk :
“298 (1) Il-kunsinnatarju ma jistax jinqeda bil-hwejjeg maqbuda, lanqas jippermetti lid-debitur li juza l-hwejjeg maqbuda jew li jibqa’ jzommhom fil-pussess tieghu,

lanqas jaghtihom b'kiri jew b'self, taht piena li jitlef il-jedd ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-irfigh taghhom u li jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni u ta' l-imghaxijiet:
Izda d-debitur jista' jithalla juza jew jibqa' jzomm pussess ta' dawk l-oggetti minn fost il-hwejjeg maqbuda li l-qorti tista' tawtorizza jekk il-qorti tqis li dawk l-oggetti huma normalment mehtiega f'dar medja ghal ghajxien decenti sabiex tinzamm id-dinjita umana tad-debitur u tal-familja tieghu.
(2) Meta jinqabdu hwejjeg li jiddeterjoraw, il-qorti tista' jew minn jeddha jew fuq talba ta' kwalunkwe persuna, tordna lill-kunsinnatarju li jbiegh il-hwejjeg maqbuda taht dawk il-kundizzjonijiet li l-qorti tista' tistabbilixxi, u r-rikavat minn dak il-bejgh ghandu jigi depozitat mill-kunsinnatarju permezz ta' cedola ta' depozitu fir-registru tal-qorti kompetenti, u dak ir-rikavat ghandu, ghal kull ghan tal-ligi, jirrapprezenta il-hwejjeg
maqbuda.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi l-Artikolu 298 tal-Kap. 12 jitkellem dwar id-dmir tal- kunsinnatarju li ma jinqedhiex bil-hwejjeg maqbuda u dwar il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel dan. Izda it-talbiet attrici huma sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi disprezz ai termini ta' l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 u sabiex issib lill-konvenuti hatja ta' disprezz lejn l-awtorita taghha ai termini ta' l-istess artikolu u sabiex tikkundannahom ghall-pieni kontemplati mill-istess artikolu 997 tal-Kapitolu 12.

Illi l-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 jghid hekk :
"997 (1) Fi procedimenti istitwiti ghal xi att jew ommissjoni li tammonta ghal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-hati jista', mal-kundanna, jigi kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew ghall-multa u l-prigunerija flimkien.
(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent

li bih ikun sar ir-reat fi zmien bizzejjed ghal dan il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tigi stabbilita mill-qorti; u jekk min jaghmel ir-reat jonqos milli jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, hu jehel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien imsemmi."

Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti peress illi t-talbiet attrici huma ibbazati fuq l-Artikolu 997 tal-Kap. 12 li jitkellem dwar disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti.

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tara jekk ghandhomx jintlaqghu it-talbiet attrici fid-dawl tal-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidrat :

Illi l-procedura ghal disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti hija ta' natura partikolari u hija mahsuba biex thares ir-rispett illi ghandu jingieb lill-Qorti.

Illi wahda mis-setghat ewlenin tal-Qorti hija dik li taghti ordnijiet  kemm jekk biex persuna taghmel xi haga jew sabiex persuna ma taghmilx xi haga u il-ksur ta' kull ordni bhal dan jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti.

Illi kif jghallem Lord Denning: "this kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (in Re Bramblevale Limited (1970).

Illi ma hemmx dubbju illi l-procediment odjern huwa wiehed ta' natura penali anke jekk ha is-sura ta' proceduri civili billi dan il-fatt igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jitqies skond il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta'

natura penali (Vide Appell Civili deciz fit-8 ta’ Gunju, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Calleja (LCCCII.ii.186).

Illi ghalhekk mhux permess illi l-istitut tar-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti jitwessa b’analogija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta’ inizzjativa li ma hix moghtija lilu mil-ligi.

Illi kif jghid Miller fil-ktieb tieghu Contempt of Court (2nd Edition 1990) f’pagna 27 :

“Even if the better view is that civil contempt cannot properly be described as a criminal offence, it is none the less clear that non-compliance with a court order may be followed by a committal order or fine the purpose of which is avowedly punitive. In particular it is clearly established that a fine or committal order may be imposed as a punishment for past disobedience even though the contemnor has by then complied with the original order or undertaking… Recognition of the quasi-criminal nature of proceedings for civil contempt has led to a gradual assimilation of the two branches of contempt.”

Illi il-mottivi li jwassal persuna biex iggib ruhha b’mod illi jidher li qieghed jisfida ordni ta’ Qorti jista biss ikollu effett fuq l-apprezzament tal-“animus” tal-persuna mixlija b’disprezz u dan jghodd ukoll jekk il-mottiv li jgieghel lil xi hadd jikser ordni ta’ Qorti jkun wiehed ta’ min jissimpatizza mieghu.

Illi huwa mehtieg li jintwera illi l-persuna li tkun kisret l-ordni ta’ l-Qorti kienet taf li qeghda taghmel hekk (Vide sentenza tad-9 ta’ Jannar 1936 tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Mallia noe vs Dowling XXIC.iii.207).

Illi fil-kaz odjern jenhtieg illi jigi ippruvat mill-attur illi l-konvenuti jew xi hadd minnhom kellhom l-intenzjoni illi jisfidaw l-ordni tal-Qorti u b’konsegwenza ta’ hekk l-Awtorita ta’ l-istess Qorti.

Illi madanakollu dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghtija lilha bhala wahda korretta jew le. Is-siwi ta’ dik l-ordni sa kemm ma tithassarx b’ordni ohra tal-Qorti innifisha, jew ta’ Qorti

ohra, hija raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk gie deciz mill-Qrati taghna ukoll jekk wara irrizulta li l-ordni tal-Qorti kienet wahda nulla u bla siwi. (Vide Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella).

Illi mehud f'dan id-dawl, il-procediment tad-disprezz mhuwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet illi jittiehdu il-proceduri, izda sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh, jew bl-ghemilu, jew bl-omissjoni tieghu, skond il-kaz, il-ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'din il-kawza qieghed huwa innifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri u l-attur m'ghandu x'jirbah xejn b'tali procediment hlief li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja (vide sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet Il-Qorti vs Camilleri LCCIV.iii.546).

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi id-dghajsa kienet fdata ghand il-konsennatarju Joseph Farrugia u kienet ir-responsabilta tal-istess konsennatarju li jiehu hsieb id-dghajsa bhala pater bonus familias u kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-2 ta' Novembru 1954 fil-kawza fl-ismijiet Ferdinando Galea vs Angelo Axiaq et, il-konsennatarju bhala depozitarju gudizzjarju tal-hwejjeg elevati ghandu juza l-oggett fil-kustudja tieghu bl-istess diligenza li juza ghall-kustodja tal-hwejjeg tieghu stess u ma jistax jikkonsenjahom lill-istess debitur proprjetarju taghhom.

Illi mill-provi prodotti irrizulta car illi l-konvenuti ma kellhomx l-intenzjoni li jiksru l-ordni tal-Qorti tant illi huma infurmaw lill-konsennatarju li kienu ser juzaw d-dghajsa u l-konsennatarju tahom il-kunsens tieghu u dana peress illi l-Marixall tal-Qorti kien qalilhom illi setghu juzaw id-dghajsa izda kellhom qabel jottjenu il-kunsens tal-konsennatarju.

Illi irrizulta wkoll illi appena saru jafu illi ma setghux juzaw il-boat f'temp ta' ftit granet ipprezentaw rikors sabiex jottjenu garanzija bankarja kif fil-fatt ottjenew u inhareg il-kontro-mandat opportun.

Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet "Registratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charles Ellul" meta jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l- konvenuti ma kellhom ebda intenzjoni illi jmorru kontra l-ordni tal-Qorti allura ma hemmx l-element tal-intenzjoni tal-konvenuti illi jikkommettu disprezz milli jmorru kontra l-ordni tal-Qorti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-tieni eccezzjoni taghhom u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha attrici.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------